**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR ELAINE MERCIECA LL.D**

**PULIZIJA**

**(Spettur Andy Rotin)**

**kontra**

**DYLAN MIFSUD**

**(ID: 0348695M)**

Kaz Nru.: 2550/22

**Illum, 1 ta' Settembru 2022**

**Il-Qorti,**

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat, **Dylan Mifsud** ta' sitta u ghoxrin sena' (26) bin Censu Mifsud u Charmaine nee' Cordina imwieled Pieta', Malta fit-tlettax (13) ta' Awwissu 1995, residenti gewwa, 11, Sqaq il-Gerrejja, Marsa u detentur tal- karta tal- identita' Maltija bin-numru 0348695M, permezz ta' liema gie akkuzat talli dakinhar tat-tnax (12) ta' April 2022 u/jew f'hinijiet qabel u/jew jiem u/jew xhur qabel gewwa dawn il-Gzejjer:

1. Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew jipprokura d-droga, kokajina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi

Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall- importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal- Gvern skont id- dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil- licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mil-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal- 1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur tal Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga, Herojina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal- Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur tal-Ordanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kapitolu 101 tal-ligijiet ta' Malta;
3. Kellu fil-pussess tieghu d-droga Kokajina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall- esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principal tal-Gvern skont id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur tal-Ordanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kapitolu 101 tal-ligijiet ta' Malta; ***liema droga instabet f'tali cirkustanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;***

4. Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta'Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall- esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principal tal-Gvern skont id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N.292/1939) kif sussegwnetament emendati u bi ksur tal-Ordanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. Kellu fil pussess tieghu d-droga Herojina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall- esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principal tal-Gvern skont id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar- regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N.292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur tal-Ordanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kapitolu 101 tal-ligijiet ta' Malta; ***liema droga instabet f'tali cirkustanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;***
6. Kellu fil pussess tieghu d-droga Herojina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta'Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall- esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principal tal-Gvern skont id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N.292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur tal-Ordanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

7. Ukoll talli sar recediv b'diversi sentenzi tal-Qorti, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

Il-Qorti hija ukoll gentilment mitluba sabiex f'kaz ta'htija, minbarra li tinflingi l-piena stabbilita skond il-ligi, tapplika il-provvedimenti tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal- Ligijiet ta' Malta kif ukoll tordna l-konfiska tal-oggetti kollha esebiti.

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz id-dokumenti kollha esebieti u l-Ordni tal-Avukat Generali, *ai termini* tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligjiet ta' Malta), li permezz tal-istess Ordni, ordna li l-imputat titressaq quddiem din il-Qorti biex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu;

Rat l-ammissjoni tal-imputat fl-udjenza tat-18 t'Awwissu tas-sena 2022 ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu, liema ammissjoni giet ikkonfermata anke wara li l-Qorti taghtu zmien bizzejjed sabiex jerggha jikkunsidra l-istess u dana wara li spjegatlu l-konsegenzi tal-istess ammissjoni;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet dwar il-piena;

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni tal-imputat dina l-Qorti hija tal-fehma li l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tieghu mill-prosekuzzjoni gew pruvati skond il-ligi.

Illi fir-rigward tal-piena, dina l-Qorti, hadet in konsiderazzjoni ic-cirkostanzi u n-natura tar-reati li taghhom l-imputat qed jinsab hati, il-fatt li l-imputat rregistra ammissjoni, liema ammissjoni saret fi stadju ahhari tal-proceduri fil-konfront tieghu, in-natura u l-ammont ta' droga mertu tal-kaz odjern. Qieset ukoll il-fedina penali tal-imputat u l-fatt li l-imputat ghandu problema ta' dipendenza fuq id-droga u jixtieq li jibda jindirizza din il-problema.

Decide:

Ghal dawn il-mottivi din il-Qorti wara li rat l-artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) u (ii) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolament 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02 **qed issib lill-imputat Dylan Mifsud hati tal-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tieghu u konsegwentament qed tikkundanah ghall-piena ta' sena prigunerija effettiva u multa ta' seba' mitt (Eur. 700)** li b'applikazzjoni tal-artikolu 14(2) tal-Kodici Kriminali tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' mitt Ewro (Eur. 100) fix-xahar. F'kaz li l-hlas ikun ha jsir b'rati mensili, l-ewwel pagament ghandu jsir fi zmien tlett xhur millum, b'dan illi jekk

il-hati jonqos milli jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jekk dan ma jithallasx jigi konvertit fi prigunerija skont il-ligi.

A tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali dina l-Qorti qeghda tordna lill-hati Dylan Mifsud sabiex ihallas l-ispejjez fl-ammont ta' Eur. 1,165.45[1] konnessi mal-hatra ta' l-esperti fil-proceduri odjerni fi zmien sena millum.

Il-Qorti qeghda tissollecita lid-Diretur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin sabiex jaghti l-assistenza kollha necessarja lill-imputat sabiex jindirizza u jirriabilita' lilu nnifsu mill-vizzju tad-droga.

Finalment, il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga ezebita, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process-verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza sa mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA BA. LL.D.

Christine Farrugia

Deputat Registratur

[1] Eur. 702.40 (relazzjoni tal-espert Dr. Martin Bajada) + Eur. 57.60 (relazzjoni tal-ufficjali civili Bartolo) + Eur. 405.45 (relazzjoni ta' Godwin Sammut)